

Brussell, 13 ta' Awwissu 2026
(OR. en)

12395/26

PROCIV 165
COHAFA 69
COJUR 45

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 401 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, fin-negozjati fi ħdan l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għal ftehim internazzjonali dwar il-protezzjoni ta' persuni fil-każ ta' diżastri

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 401 final.

Mehmuż: COM(2026) 401 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.7.2026
COM(2026) 401 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, fin-
negozjati fi ħdan l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għal ftehim internazzjonali
dwar il-protezzjoni ta' persuni fil-każ ta' diżastri**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

B'din ir-rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni qed titlob l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill biex tipparteċipa fin-negozjati ta' ftehim multilaterali dwar il-protezzjoni ta' persuni fil-każ ta' diżastri, f'isem l-Unjoni Ewropea (UE), fil-qafas tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-2016, il-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali (ILC, International Law Commission) tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) adottat l-Abbozz ta' Artikoli dwar il-Protezzjoni tal-Persuni f'Każ ta' Diżastri (Abbozz ta' Artikoli)¹. F'Diċembru 2024, l-Assemblea Ġenerali tan-NU (AĠNU) adottat ir-Riżoluzzjoni 79/128 li fiha ddeċidiet li telabora u tikkonkludi konvenzjoni multilaterali dwar il-protezzjoni ta' persuni fil-każ ta' diżastri qabel tmiem l-2027², peress li bħalissa ma hemm l-ebda strument legali internazzjonali komprensiv dwar din il-kwistjoni.

L-UE kkontribwiet b'mod attiv għall-ILC matul il-ħidma tagħha dwar l-Abbozz ta' Artikoli mill-2011 u laqgħet l-adozzjoni tal-Abbozz ta' Artikoli fl-2016 kif ukoll ir-Riżoluzzjoni 79/128 tal-AĠNU, li esprimiet il-ħtieġa għal reġim legali globali komprensiv biex tiġi indirizzata aħjar il-protezzjoni ta' persuni f'każ ta' diżastri, u nnotat il-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' konvenzjoni internazzjonali f'dan ir-rigward.

Wara l-istedina tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, l-UE ppreżentat proposta għal emendi għall-Abbozz ta' Artikoli tal-ILC f'Diċembru 2025³. Minbarra l-UE, sitta u għoxrin Stat, inklużi 8 Stat Membru tal-UE⁴, għamlu proposti biex jiġi emendat l-Abbozz ta' Artikoli.

Dawn il-proposti ġew ikkompilati min-NU f'test konsolidat wara s-sessjoni li tkomplet tas-Sitt Kumitat tal-AĠNU mis-6 sal-10 ta' April 2026 fi New York. It-test konsolidat se jservi bħala bażi għan-negozjati formali li huma skedati li jsiru fuq tliet ġimgħat mill-25 ta' Jannar sat-12 ta' Frar 2027 f'Manila, u, jekk ikun meħtieġ, għal ġimgħatejn oħra wara f'Awwissu 2027⁵.

Ikun fl-interess tal-UE li tipparteċipa formalment fin-negozjati tal-konvenzjoni biex tiżgura konsistenza mal-qafas legali eżistenti tal-UE fl-oqsma tal-Protezzjoni Ċivili u l-Għajnuna Umanitarja. Għalhekk, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill jadotta deċiżjoni għal dan l-għan u jaħtar lill-Kummissjoni bħala n-negozjatur tal-UE skont l-Artikolu 218(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat

Il-parteċipazzjoni tal-UE fin-negozjati tat-trattat multilaterali futur hija konsistenti mal-kompetenzi tagħha fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u l-għajnuna umanitarja.

¹ Ara [l-Abbozz ta' Artikoli tal-ILC dwar il-Protezzjoni tal-Persuni fil-Każ ta' Diżastri](#).

² [Ir-riżoluzzjoni 79/128 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU](#), il-paragrafu 4.

³ Ara [r-Riżoluzzjoni 79/128 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU](#) paragrafu 7 u [l-Proposta tal-UE għal Emendi](#) mressqa f'Diċembru 2025.

⁴ Is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti rċieva sottomissjonijiet minn DE, FR, IE, SI, IT kif ukoll sottomissjoni konġunta mill-pajjiżi Nordiċi, inkl. DK, SE u FI. Għal lista tas-sottomissjonijiet kollha li waslu, ara [hawn](#).

⁵ Ara [ir-Riżoluzzjoni 80/L.14 tas-Sitt-Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU](#).

Skont l-Artikolu 196 tat-TFUE, l-UE tappoġġa l-azzjoni tal-Istati Membri fil-prevenzjoni, fit-tħejjija u fir-rispons għad-diżastri fl-Unjoni, u tippromwovi l-konsistenza fil-ħidma internazzjonali tal-protezzjoni ċivili. Huwa eżerċita din il-kompetenza bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM, Union Civil Protection Mechanism)⁶. Kwalunkwe pajjiż fid-dinja jista' jattiva l-UCPM biex jitlob l-assistenza meħtieġa biex ilaħħaq mal-effetti ta' diżastru. Fir-rigward tal-ġajnuna umanitarja, l-Artikolu 214 tat-TFUE jippermetti lill-UE tassisti lin-nies fil-bżonn f'pajjiżi u reġjuni li jiffaċċjaw diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem. L-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-ġajnuna umanitarja hija rregolata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96⁷ (ir-Regolament dwar l-Ġajnuna Umanitarja). Abbażi ta' dan ir-Regolament, il-Komunikazzjoni Konġunta tas-27 ta' Mejju 2026⁸ tistabbilixxi strateġija biex l-ġajnuna umanitarja Ewropea ssir aktar effettiva u aktar reżiljenti.

F'konformità mal-prinċipji gwida tagħha tar-rispett għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, ir-regoli u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali, l-UE laqgħet l-Abbozz ta' Artikoli tal-ILC adottat fl-2016 bħala kontribut importanti għad-dritt internazzjonali dwar id-diżastri⁹.

B'mod aktar speċifiku, l-UE tqis li konvenzjoni internazzjonali dwar il-protezzjoni ta' persuni fil-każ ta' diżastri għandha l-potenzjal li tikkomplementa l-mekkaniżmi u l-attivitajiet eżistenti tal-UE fl-oqsma tal-protezzjoni ċivili u l-ġajnuna umanitarja. F'dan ir-rigward, il-parteċipazzjoni tal-UE fin-negozjati hija meħtieġa biex jiġi żgurat li t-test tal-istrument futur ikun konsistenti mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, b'mod partikolari d-Deċiżjoni 1313/2013/UE dwar l-UCPM u r-Regolament dwar l-Ġajnuna Umanitarja 1257/96 u biex tinforma d-deċiżjoni futura tal-Kunsill dwar jekk l-Unjoni għandhiex fl-aħħar mill-aħħar taderixxi magħha. B'mod partikolari, l-Abbozz ta' Artikoli tal-ILC għandhom l-għan li jżidu dmir ta' kooperazzjoni fost l-Istati u bejn l-Istati u atturi oħra ta' assistenza biex jassistu lin-nies fil-bżonn u jistabbilixxu obbligi għall-Istati affettwati minn diżastru kif ukoll biex jassistu lill-atturi. Għalhekk, il-konvenzjoni futura tkun tinteraġixxi mad-Deċiżjoni 1313/2013/UE dwar l-UCPM li tistabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għad-diżastri. Ir-regoli tal-konvenzjoni futura jinteraġixxu wkoll mal-mod li bih l-UE tipprovdi assistenza umanitarja lil pajjiżi terzi skont ir-Regolament 1257/96. F'dan l-isfond, huwa importanti li, permezz tal-parteċipazzjoni fin-negozjati, jitfittex allinjament bejn dawn l-istrumenti ta' ġestjoni tad-diżastri li ilhom jeżistu u r-regoli tal-konvenzjoni futura.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Filwaqt li n-negozjati ta' konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-persuni f'każ ta' diżastri jikkonċernaw prinċipalment il-protezzjoni ċivili u l-ġajnuna umanitarja, politiki oħra tal-UE li jipprovdu finanzjament għar-reżiljenza u r-rispons għad-diżastri jistgħu jiġu affettwati wkoll mill-istrument futur. In-negozjati jistgħu jkunu ta' rilevanza għall-programmi ta'

⁶ Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 [rigward l-ġajnuna umanitarja](#) (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

⁸ [Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill](#), Id-difiża tal-valuri, l-ixprunar tar-riforma, it-tweqqif tal-impatt: l-azzjoni umanitarja tal-UE f'ordni globali li qed tinbidel, JOIN(2026)25 Final, is-27 ta' Mejju 2026.

⁹ Ara d-[Dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, Il-Protezzjoni tal-Persuni f'każ ta' diżastri](#), is-Sitt Kumitat, 4 ta' Ottubru 2023.

finanzjament li ġejjin u s-suċċessuri tagħhom¹⁰: l-Istrument Ewropa Globali¹¹, il-Politika ta' Koeżjoni¹² li taħtha jistgħu jiġu ffinanzjati attivitajiet nazzjonali għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tad-diżastri, il-Programm LIFE¹³, Orizzont Ewropa¹⁴, il-Programm Ewropa Digitali¹⁵, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali¹⁶ kif ukoll il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura¹⁷.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali sostantiva

L-Artikoli 196 u 214 tat-TFUE jiffurmaw il-bażijiet legali sostantivi għal din ir-rakkomandazzjoni, peress li d-dispożizzjonijiet previsti tal-konvenzjoni futura jikkonċernaw kemm il-protezzjoni ċivili kif ukoll l-għajjnuna umanitarja. L-Artikolu 196 tat-TFUE jipprovdi bażi legali għall-UE biex taġixxi fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. B'mod aktar konkret, dan jippermetti lill-UE, filwaqt li taġixxi f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, tistabbilixxi l-miżuri li jgħinu biex tithegġegħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex

¹⁰ Il-Kummissjoni adottat il-proposti li ġejjin għal regolamenti: COM/2025/555 Proposta finali għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività ("FEK"), inkluż il-programm speċifiku għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fid-difiża, li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/522, (UE) 2021/694, (UE) 2021/697, (UE) 2021/783, li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/696, (UE) 2023/588, u li jemenda r-Regolament (UE) [EDIP]; COM (2025) 543 Proposal finali għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, għall-perjodu 2028-2034 li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695; COM/2025/565 Proposta finali għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509; COM(2025) 559 Proposta finali għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni bħala parti mill-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) [...] [Fond NRP] għall-perjodu mill-2028 sal-2034.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1–78.

¹² Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60–93.

¹³ Ir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (Test b'relevanza għaż-ŻEE) ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53–78.

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1–68.

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240, pp.1-34.

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jifasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013, pp. 1-86.

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004, ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1-49.

tittejjeb l-effettività tas-sistemi għall-prevenzjoni u l-protezzjoni kontra diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem. Fir-rigward tal-għajnuna umanitarja, l-Artikolu 214(4) tat-TFUE jippermetti lill-UE tipprovdi assistenza, sokkors u protezzjoni ad hoc għal persuni f'pajjiżi terzi li huma vittmi ta' diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem, sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet umanitarji, u tikkonkludi ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti kwalunkwe ftehim biex tgħin lin-nies fil-bżonn.

- **Bażi legali proċedurali**

L-Artikolu 218(3) TFUE jipprevedi li, meta l-ftehim previst ma jkunx jirrigwarda esklużivament jew prinċipalment il-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati u li tinnomina n-negozjatur tal-UE jew il-kap tat-tim tan-negozjati tal-UE.

L-Artikolu 218(4) TFUE jipprevedi li l-Kunsill jista' jindirizza direttivi ta' negozjati lin-negozjatur u jaħtar kumitat speċjali biex jiġi kkonsultat min-negozjatur.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Unjoni tipparteċipa fin-negozjati ta' ftehim internazzjonali taħt l-awspiċċi tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-protezzjoni ta' persuni f'każ ta' diżastri. Il-Kummissjoni għandha tiġi nnominata bħala negozjatur.

Il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati tal-ftehim previst hija l-Artikolu 218(3) u (4) tat-TFUE.

- **Għażla tan-negozjatur**

Peress li l-ftehimiet previsti jkopru esklużivament materji oħra għajr il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, il-Kummissjoni jeħtiġilha tinħatar bħala n-negozjatur skont l-Artikolu 218(3) tat-TFUE.

- **Kompetenza tal-Unjoni**

Konvenzjoni internazzjonali dwar il-protezzjoni ta' persuni fil-każ ta' diżastri bbażata fuq it-test tal-Abbozz ta' Artikoli tal-ILC taqa' taħt il-kompetenzi tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u l-għajnuna umanitarja¹⁸. L-Artikolu 6(f) tat-TFUE jikklassifika b'mod espliċitu l-“protezzjoni ċivili” bħala kompetenza ta' appoġġ, ta' koordinazzjoni jew komplementari tal-UE. Fil-prattika, l-UE stabbiliet l-UCPM, mekkaniżmu ta' koordinazzjoni maħsub biex jappoġġa l-azzjonijiet ta' protezzjoni ċivili tal-Istati Membri. Fir-rigward tal-għajnuna umanitarja, l-Artikolu 4(4) tat-TFUE jipprevedi li l-UE għandha kompetenza parallela fl-għajnuna umanitarja, li jfisser li l-kompetenza tal-UE fil-qasam tal-għajnuna umanitarja ma twaqqafx lill-Istati Membri milli jkomplu jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom f'dak il-qasam (l-Artikolu 4(4) tat-TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Id-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem spiss ikollhom effetti transfruntiera dannużi, ifixxlu l-funzjonament tas-soċjetà u tas-suq intern u jeħtieġu risponsi kkoordinati tal-protezzjoni ċivili, kif ukoll għajnuna umanitarja fil-livell Ewropew biex tgħin lin-nies fil-bżonn f'pajjiżi terzi. Kif previst fit-Trattati, l-UE hija attiva fil-protezzjoni ċivili u l-għajnuna umanitarja. Fir-rigward tal-ewwel, hija stabbiliet oqfsa komuni għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni operazzjonali fost l-Istati Membri u l-Istati Parteċipanti permezz tal-

¹⁸ L-Artikolu 4(4), 6, il-punt (f), 196 u 214 tat-TFUE.

Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili. Konvenzjoni maħsuba biex tiddelinja r-regoli dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza internazzjonali b'reazzjoni għad-diżastri tkun tinteraġixxi direttament mal-leġiżlazzjoni u l-politiki eżistenti tal-UE dwar il-protezzjoni ċivili u l-għajnuna umanitarja.

Il-parteċipazzjoni tal-UE se tiżgura qafas legali internazzjonali u Ewropew konsistenti għar-rispons għad-diżastri biex jiġi evitat li tiddgħajjef il-koerenza u l-applikazzjoni uniformi tal-miżuri eżistenti tal-UE. Huwa importanti li l-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni fin-negozjati ssaħħa il-kapaċità kollettiva tal-UE li ssawwar it-test tal-konvenzjoni b'mod konsistenti mal-prinċipji u l-leġiżlazzjoni tal-UE. Fl-aħħar nett, il-parteċipazzjoni formali fin-negozjati tippermetti lill-UE tikkondividi prattiki tajba u tagħlimiet meħuda mill-esperjenza unika tagħha bħala organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali ma' wieħed mill-aktar oqfsa żviluppata ta' kooperazzjoni fil-protezzjoni ċivili, kif ukoll il-pożizzjoni tagħha ta' wieħed mid-donaturi umanitarji ewlenin. Għalhekk, il-parteċipazzjoni formali tal-UE fin-negozjati ta' konvenzjoni internazzjonali dwar il-protezzjoni ta' persuni fil-każ ta' diżastri tkun aktar effettiva minn azzjoni esklużivament fil-livell nazzjonali.

- **Proporzjonalità**

Il-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni fin-negozjati formali ta' konvenzjoni internazzjonali dwar il-protezzjoni ta' persuni f'każ ta' diżastri hija l-aktar mezz adatt biex jitmexxew 'il quddiem il-prinċipji tal-kooperazzjoni internazzjonali, l-għajnuna umanitarja, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju tas-solidarjetà, li l-UE tfittex li tippromwovi fl-Unjoni u lil hinn minnha. Il-parteċipazzjoni tiżgura wkoll pożizzjoni uniformi tal-UE u tissalvagwardja l-konsistenza tal-konvenzjoni futura mal-acquis tal-UE fil-protezzjoni ċivili u l-għajnuna umanitarja.

- **Għażla tal-istrument**

Din ir-rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill qed issir f'konformità mal-Artikolu 218(3) u (4) TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tawtorizza l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fin-negozjati u li taħtar in-negozjatur tal-Unjoni. Il-Kunsill jista' jindirizza wkoll id-direttivi ta' negozjati lejn in-negozjatur. Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġettiv espress f'din ir-rakkomandazzjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

L-objettiv tal-konvenzjoni internazzjonali huwa li tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali sabiex tipproteġi lill-persuni f'każ ta' diżastri, filwaqt li tindirizza l-ħtiġijiet tagħhom u tipproteġi d-drittijiet fundamentali tagħhom, kif rikonoxxuti fit-Trattati u skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli. Id-deċiżjoni ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja. Kwalunkwe żieda fl-ammont ta' xogħol ikun jeħtieġ li tiġi indirizzata permezz ta' riallokazzjoni u riallokazzjoni fi ħdan is-servizzi. Kwalunkwe finanzjament jenħtieġ li jiġi minn riallokazzjonijiet fi ħdan il-pakketti baġitarji eżistenti tal-programmi attwali.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux applikabbli.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, fin-negozjati fi ħdan l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għal ftehim internazzjonali dwar il-protezzjoni ta' persuni fil-każ ta' diżastri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 196 u l-Artikolu 214(4), flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4), tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) F'Diċembru 2024, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċidiet li telabora u tikkonkludi, qabel tmien l-2027, trattat multilaterali dwar il-protezzjoni ta' persuni fil-każ ta' diżastri bbażat fuq l-Abbozz ta' Artikoli adottat mill-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali fl-2016.
- (2) L-abbozz ta' Artikoli jitratta l-protezzjoni ċivili u l-għajnuna umanitarja, żewġ oqsma li fihom it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jagħti kompetenzi lill-Unjoni.
- (3) Peress li bħalissa ma hemm l-ebda strumenti legali internazzjonali komprensiv dwar din il-materja, l-oġettiv tal-konvenzjoni internazzjonali huwa li tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali sabiex tiproteġi lill-persuni f'każ ta' diżastri, filwaqt li tindirizza l-ħtiġijiet tagħhom u tiproteġi d-drittijiet fundamentali tagħhom, kif rikonoxxuti fit-Trattati u skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (4) Mill-2011, l-Unjoni kkontribwiet b'mod attiv il-fehmiet tagħha lill-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali matul l-elaborazzjoni tal-Abbozz ta' Artikoli dwar il-Protezzjoni tal-Persuni f'Każ ta' Diżastri u laqgħet l-adozzjoni tagħhom.
- (5) Jenħtieġ li l-Unjoni tieħu sehem fin-negozjati għal ftehim internazzjonali dwar il-protezzjoni ta' persuni fil-każ ta' diżastri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Qiegħda b'dan tiġi awtorizzata l-parteċipazzjoni fin-negozjati ta' ftehim internazzjonali taħt l-awspiċi tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-protezzjoni ta' persuni f'każ ta' diżastri.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan innominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Id-direttivi ta' negozjati li jinsabu fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan indirizzati lill-Kummissjoni.

Artikolu 4

In-negozjati għandhom jitwettqu f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Dritt Internazzjonali Pubbliku (COJUR, Council Working Party on Public International Law), li huwa b'dan maħtur bħala l-komitat speċjali previst fl-Artikolu 218(4) TFUE.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President